MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Numru 1154/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**LIAM FAVA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Liam Fava ta' 17 il-sena, iben Pierre u Noileen nee Caruana, mwieled Pieta' fit-18 ta' Settembru 1993, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 433093M u residenti gewwa Natla, Triq is-Siberja, Marsaskala:

Gie akkuzat talli fit-18 ta' Ottubru, 2010, ghal habta ta' 14:30hrs, gewwa Zabbar, ikkaguna griehi ta'natura gravi

fuq il-persuna ta’ Emerson Lee Abela skond kif iccertikika Dr. Melvin J. Gouder mill-isptar Mater Dei u dan ai termini ta’ l-artikolu 218 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza ta’ missieru u tad-difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, il-PL Peter Paul Zammit ghall-imputat u Dr Edward Zammit Lewis ghall-parte civile iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati l-imputat kien taht it-tmintax (18) il-sena u konsegwentement japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 37, 218 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Liam Fava, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-konfront tal-imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Liam Fava ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u tordna li din

is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Liam Fava jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Liam Fava b'obbligazzjoni personali ta' elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li jzomm il-kwiet ma' Emerson Lee Abela u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Liam Fava l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------